EUROPEAN UNION AGENCY FOR FUNDAMENTAL RIGHTS

Stqarrija għall-Istampa tal-FRA
Vjenna, 14 ta' Mejju 2024

**EMBARGO: 14 ta' Mejju 2024 06:00 CET**

# Il-fastidju u l-vjolenza kontra n-nies LGBTIQ qed jiżdiedu

**Aktar nies LGBTIQ fl-Ewropa issa huma aktar trasparenti dwar is-sesswalità tagħhom. Fl-istess ħin, huma jiffaċċjaw aktar vjolenza, fastidju, u bullying minn qabel. Dan jgħodd l-aktar għal persuni LGBTIQ iżgħar fl-età, li huma partikolarment vulnerabbli. Dawn huma xi wħud mis-sejbiet tal-aħħar stħarriġ tal-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali (FRA), ibbażat fuq tweġibiet minn aktar minn 100,000 persuna LGBTIQ fl-Ewropa kollha.**

Ir-rapport "LGBTIQ equality at a crossroads: progress and challenges (L-ugwaljanza tal-LGBTIQ f'salib it-toroq: progress u sfidi)" jiġbor l-esperjenzi, il-fehmiet u l-isfidi li jiffaċċjaw il-persuni LGBTIQ fl-Ewropa. Jenfasizza wkoll il-bidliet mill-istħarriġ preċedenti tal-FRA fl-2019 u fl-2012.

Is-sejbiet jiżvelaw sinjali ta' progress bil-mod iżda gradwali. Filwaqt li d-diskriminazzjoni kontra l-persuni LGBTIQ tibqa' għolja, din qiegħda tonqos gradwalment. L-iskejjel jindirizzaw kwistjonijiet LGBTIQ b'mod aktar pożittiv u proattiv, u ż-żgħażagħ iħossuhom aktar appoġġati mill-għalliema u mill-pari tagħhom. Madankollu, il-bullying, il-fastidju u l-vjolenza laħqu livelli għoljin.

Is-sejbiet ewlenin tal-istħarriġ jinkludu:

- **Trasparenza:** aktar minn persuna 1 minn kull 2 issa huma trasparenti dwar l-orjentazzjoni sesswali, l-identità u l-espressjoni tal-ġeneru, u l-karatteristiċi tas-sess tagħhom. Iżda l-biċċa l-kbira għadhom jevitaw li jżommu jdejn is-sieħeb jew is-sieħba tagħhom tal-istess sess fil-pubbliku minħabba l-biża' li jiġu attakkati.
- **Diskriminazzjoni:** aktar minn persuna 1 minn kull 3 jiffaċċjaw diskriminazzjoni fil-ħajja tagħhom ta' kuljum minħabba huma min huma. Dan huwa tnaqqis żgħir minn 2 persuni minn kull 5 fl-2019. Madankollu, id-diskriminazzjoni tibqa' inviżibbli peress li persuna waħda minn kull 10 tirrappurta inċidenti.
- **Vjolenza:** aktar minn persuna 1 minn kull 10 esperjenzaw vjolenza fil-5 snin ta' qabel l-istħarriġ, ftit aktar milli fl-2019. Aktar minn 1 minn kull 3 persuni intersesswali ġew attakkati.
- **Fastidju:** aktar minn persuna 1 minn kull 2 kienu vittmi ta' fastidju mmotivat mill-mibegħda, aktar minn persuna 1 minn kull 3 fl-2019. 2 minn kull 3 persuni intersesswali u transesswali ġew iffastidjati.
- **Bullying:**aktar minn 2 minn kull 3 jgħidu li kienu qed jesperjenzaw bullying fl-iskola, fil-ġenerazzjonijiet kollha u fil-pajjiżi kollha tal-UE. Din hija żieda qawwija meta mqabbla ma' 1 minn kull 2 fl-2019.

- **Edukazzjoni:** l-iskejjel jindirizzaw il-kwistjonijiet tal-LGBTIQ aktar ta’ spiss minn qabel. Aktar minn 1 minn kull 5 studenti LGBTIQ issa jgħidu li l-iskola tagħhom indirizzat il-kwistjoni b’mod pożittiv.
- **Saħħa mentali:** aktar minn persuna 1 minn kull 3 ikkontemplaw suwiċidju. Aktar minn nofs il-persuni trans, mhux binarji u ta’ ġeneru divers jgħidu li għandhom ħsibijiet suwiċidali.
- **Prattiki ta’ “konverżjoni”:** Persuna 1 minn kull 4 tgħid li kienet imġiegħla tesperjenza prattiki ta’ konverżjoni biex jibdlu l-orjentazzjoni sesswali jew l-identità u l-espressjoni tal-ġeneru tagħhom.
- **Il-gvernijiet:** Persuna1 biss minn kull 4 tqis li l-gvernijiet tagħhom qed jiġġieldu l-preġudizzju u l-intolleranza kontra n-nies LGBTIQ, meta mqabbla ma’ persuna 1 minn kull 3 fl-2019.

Ir-rapport jenfasizza wkoll li l-esperjenzi tal-persuni LGBTIQ ivarjaw b’mod sinifikanti madwar l-UE u kull grupp jiffaċċja sfidi differenti.

Persuni intersesswali, trans, mhux binarji u ta’ ġeneru divers jiffaċċjaw aktar fastidju u vjolenza. Huma aktar probabbli li jiffaċċjaw kwistjonijiet ta’ saħħa mentali u jkollhom ħsibijiet ta’ suwiċidju. Huma wkoll aktar probabbli li jesperjenzaw il-problema ta’ persuni mingħajr dar u jsibuha diffiċli biex jaċċessaw il-kura medika. Dan huwa minnu wkoll għall-persuni LGBTIQ b’diżabilità, li jinsabu fi tbatija finanzjarja jew membri ta’ gruppi etniċi, razzjali jew ta’ minoranza oħra.

Is-sejbiet tal-istħarriġ se jappoġġaw lill-Kummissjoni Ewropea biex tevalwa l-Istrateġija tagħha dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ u jgħinu biex javvanzaw il-politiki biex jipproteġu u jippromwovu d-drittijiet fundamentali tan-nies LGBTIQ. Il-FRA tappella lill-gvernijiet biex jieħdu azzjoni:

- **Reati ta’ mibegħda:** jinfurzaw kultura ta’ tolleranza żero lejn il-vjolenza u l-fastidju tal-persuni LGBTIQ. Jinvestu fit-taħriġ tal-pulizija biex jiżguraw li jirrikonoxxu, jirreġistraw u jinvestigaw kif xieraq ir-reati ta’ mibegħda LGBTIQ sabiex il-vittmi jħossuhom sikuri biex jirrapportaw l-attakki u jiġu ttrattati b’mod ġust. Jikkunsidraw il-motivazzjonijiet ta’ preġudizzju bħala fatturi aggravanti matul il-proċedimenti kriminali.
- **Diskriminazzjoni:** jindirizzaw id-diskriminazzjoni fl-oqsma kollha billi jiġu adottati d-Direttiva tal-UE dwar it-Trattament Ugwali u d-Direttivi dwar l-Istandards tal-Korp tal-Ugwaljanza. Jagħtu s-setgħa u r-riżorsi xierqa lill-korpi tal-ugwaljanza sabiex ikunu jistgħu jappoġġaw aħjar lill-vittmi.
- **Mibegħda online:** jindirizzaw il-mibegħda online u l-kampanji ta’ diżinformazzjoni kontra l-persuni LGBTIQ. Jindirizzaw ir-riskju ta’ preġudizzju fl-algoritmi u l-obbligu ta’ rendikont tal-pjattaformi diġitali skont id-dritt tal-UE.
- **Edukazzjoni:** jagħmlu l-iskejjel ambjenti ta’ tagħlim sikuri u ta’ appoġġ għat-tfal kollha. Jindirizzaw il-bullying u li jiżguraw li l-kurrikuli u s-sistemi edukattivi jibnu fuq l-aħjar prattiki promossi mill-UE.
- **Kura tas-saħħa:** aċċess sigur għal kura tas-saħħa ta’ kwalità, inkluż appoġġ għas-saħħa mentali. Jtemmu l-prattiki ta’ “konverżjoni” u l-interventi mediċi mhux vitali.

KUNFIDENZJALI

**Kwotazzjoni mid-Direttur tal-FRA** [**Sirpa Rautio**]: *"Il-fatt li persuna tkun LGBTIQ b'mod trasparenti fl-Ewropa m'għandux ikun ġlieda. Minkejja li qed naraw sinjali ta' progress, il-bullying, il-fastidju u l-vjolenza jibqgħu theddid kostanti. Wasal iż-żmien li naġixxu b'mod deċiżiv u nibnu fuq il-progress li għamilna, sabiex kulħadd fl-UE jiġi ttrattat b'mod ugwali u jkun jista' jgħix b'dinjità u rispett."*

**Kwotazzjoni mill-Kummissarju għall-Ugwaljanza Helena Dalli:** *"Is-sejbiet tal-istħarriġ tal-FRA jipprovdu data imprezzabbli dwar l-esperjenzi li għexu tal-persuni LGBTIQ madwar l-Ewropa. Dawn jgħinuna nidentifikaw il-progress li ksibna u jenfasizzaw l-isfidi li għad hemm quddiemna. Inħeġġeġ lill-Istati Membri kollha jużaw id-data biex jipprovdu politiki robusti biex jiġġieldu d-diskriminazzjoni u jipproteġu d-drittijiet tal-persuni LGBTIQ kollha."*

Dan l-istħarriġ huwa bbażat fuq sejbiet minn aktar minn 100,000 rispondent mis-27 pajjiż kollha tal-UE, l-Albanija, ir-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq u s-Serbja.

Il-FRA ser tippreżenta r-rapport fl-avveniment "Pride Alliances and Policy" organizzat mill-Presidenza Belġjana tal-Kunsill tal-UE fi Brussell fis-17 ta' Mejju.

L-esploratur tad-*data* tal-FRA dalwaqt se jippermetti l-filtrazzjoni tad-*data* skont il-pajjiż, skont il-mistoqsija tal-istħarriġ u skont l-orjentazzjoni sesswali, l-identità u l-espressjoni tal-ġeneru, u l-karatteristiċi tas-sess.

Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok ara l-pakkett għall-istampa jew ikkuntattja lil:media@fra.europa.eu / Telefown: +43 1 580 30 653

Din l-istqarrija għall-istampa ġiet tradotta miċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea iżda ma sarx qari tal-provi mill-esperti tal-FRA.

KUNFIDENZJALI